**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Maġ. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 29 ta' Marzu, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**-vs-**
**Thomas Bartolo detentur tal-karta tal-identita` Maltija nru 344690M**

*Kumpilazzjoni Nru. 352/20*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Thomas Bartolo** u ċioe` talli:

> Nhar l- 4 ta' April 2020, fil- hinjiet ta' filghaxija, b' diversi atti maghmula minnhu, li jikrsu l-istess dispozzijoni tal- ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, filwaqt li kien qieghed isuq trakk tal- ghamla DAF mudell CF85 bin- numru tal- pjanci TBC-003, f' diversi toroq fil- Mellieha, ikkaguna hsara volontarja fuq propjeta immobbli u f' diversi vetturi, ghad detriment tad- diretturi ta' G3Group, GOTO Malta ltd, Malta Public Transport, Pavla Camilleri, Antonio Mifsud, Dan Zhou, John Abela u Gordon Pace Bonello, bi ksur ***tal- Artikolu 325(1)(a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.***
>
> Nakkuzah ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi imsemmi qabel saq trakk tal- ghamla DAF mudell CF85 bin- numru tal- pjanci TBC-003 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz ghal terzi u dan bi ksur tal- ***Artikolu 15(1)(a) tal- Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta.***

Nakkuzah ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi imsemmi qabel waqt li kien qieghed isuq vettura bil- mutur, qasam il- linja dritta li hemm f' diversi toroq, bi ksur tat- ***Legislazzjoni Sussidjarja 65.05.***

Nakkuzah ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi imsemmi, saq jew ipprova isuq jew kellhu l-kontroll ta' vettura bil- mutur jew vettura oħra li kienet fit- triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi bi ksur tal- ***Artikolu 15A tal- Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta.***

Nakkuzah ukoll talli nhar l- 4 ta' April 2020, fil-hinijiet ta' filghaxija kellu fil-pussess tieghek id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil- licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ***tal-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tiskwalifika kull licensja tas- sewqan ta' Thomas Bartolo ghal perjodu ta' zmien li jidrilha xieraq ai termini tal- ***Artiklou 15H tal- Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkunsidra lil Thomas Bartolo bhala recidiv ai termini ***tal- Artikolu 49 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.***

Il- Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzat ghall- hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal- hatra ta' esperti jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat ***fl- Artikolu 533 tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.***

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar, 2021, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li jinsab imputat bihom l-imputat, ghemil li seta' kellu konsegwenzi ferm tragici, tal-fedina penali netta tieghu, tal-ammissjoni tieghu kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, in partikolari tal-fatt li l-imputat ghamel rizarciment tad-danni minnu kkawzati lil whud mill-partijiet lezi. Ghalkemm mhux ser tinghata piena karcerarja, is-sentenza erogata ghandha tirrifletti l-gravita` tal-azzjonijiet tieghu w ghalhekk is-sentenza qed tinghata fil-massimu.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikoli 15(1)(a), 15A, 15H(1)(a) u 55(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 2 u Taqsima IV A(i) tal-Skeda tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreggata (L.S.65.05), it-Taqsima IV u VI, l-artikoli 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939, L.S.101.02), u l-artikolu 4(1) tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha, tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-erba snin millum, u ghal multa ta' €3,000 li ghandha tithallas fi zmien sentejn millum.

Wara li rat l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati fi zmien tlett xhur millum ihallas lill-individwi msemmija fir-rapport tekniku ta' Mario Buttigieg bhala kumpens ghall-hsara minnu kawzata, kemm il-darba dawn ma gewx rizarciti diga`.

B'applikazzjoni ta' l-artikoli 15(2), 15H(2) u 55(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal zmien sitt xhur. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

Finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta' **€2,640.08** rapprezentanti l-ispejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**